MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2235/2002

**Associated Supplies Limited**

**vs**

**Nicholas Falzon u The Production House Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu solidalment bejniethom lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u sebgha u tletin lira Maltin (Lm437) rappresentanti l-import ta' tlieta u ghoxrin kambjala b'valur ta' dsatax-il lira Maltin (Lm19) il-wiehed, skaduti u dovuti lis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali tat-2 ta' Awissu 2002 u bl-imghaxijiet legali b'effett mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u l-anqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Joe Aquilina in rappresentanza tas-socjeta attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attricis-somma ta' erba mija u sebgha u tletin lira Maltin (Lm437), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------